Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SEBGHA KUNSILL 201**

**SEDUTA NUMRU 21**

**IT-TNEJN 16 TA' MEJJU 2016 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| JUSTIN FENECH | VICI- SINDKU – 5.30PM |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER – 7.30PM |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER – 5.30PM |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MAURO MICELI | KUNSILLIER |
| THERESE VALENTINO | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-Seduti Nru 18,19 u 20 gew approvati hekk kif emendati. Il-Kunsillier P. Fenech ippropona u s-Sindku ssekonda.

Is- Sindku ippropona sabiex l-Agenda ta' din is-Seduta tigi posposta sabiex l-Accountant tal-Kunsill jispjega fid-dettal ir-rispons tal-Managment Letter ghas-sena 2015. Il-hin kien 5.30pm.

L-Accountant tal-Kunsill spjega li l-unika haga inkwitanti indikata f' din il-Managment Letter, hija l-izbilanc li hemm mnizzel bejn l-infuq u d-dhul ghas-sena 2015 u ghaldaqstant gie irrekomandat li jitrazzan sew l-infieq ghajr dak kuntrattwali. Ir- rimarki tal-Kunsill dwar dan l-izblinac kienu it-telf ta' kawza b'ammont ta' €45,000.00 li ilha tkarkar ghaxar snin.; kif ukoll ghar-resurfacing ta' Triq il-Marbat li il-Kunsill ma setax jaghmel mod iehor hlirf li jwettaq ix-xoghlijiet ta' tarmak f' din it-triq u dan biex jigi evitat il-periklu kbir li kien hemm fl-imsemmi triq.

Is- Seduta regghet bdiet fis-6.30pm.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Il-Kunsillier M. Fava irrefera ghall-istat ta' Triq il-Keffa; huwa nforma li se jipprova jaghmel kommunikat ma' l-awtoritajiet ikkoncernati. Huwa se jibghat rapport iktar 'il quddiem dwar dan. (App. A)

2. Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk intbaghtitx l-ittra lit-Transport Malta rigward il-kostruzzjoni ta' pasagg ghall-uzu esklussiv ta' dawk li jghaddu bil-miexi minn Triq is-Swieqi direzzjoni lejn Paceville. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li din intbaghtet u anke ircivejna risposta minn naha ta' TM li giet iccirkolata ma' kull kunsillier permezz ta' email.

3. Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet ukoll jekk intbaghtitx ir-rikjesta lit-TM sabiex jigi mplimentat timed-parking fi Triq is-Swieqi u Triq is-Sirk. Il-Kunsillier M. Fava informa li la darba din tigi mplimentata din is-sistema minn naha ta' TM, ghandha tinhareg white-paper rigward dan is-suggett. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li skond l-ahhar informazzjoni li ghandu, TM bhalissa issopendiet din l-iskema.

**HUGH ZAMMIT** — **SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT** — **SINDKU**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is- Sindku rrefera ghall-progett li kien propost ghall-barriera ta' Wied Ghomor fejn l-Awtorita' ta' l-Ippjanar idecidew li dan il-progett m' ghadux jigi zvillupat. Is-Sindku rringrazzja lir-residenti kollha li taw l-kontribut taghhom, lill-Perit E. Rossignaud u l-Kunsillier P. Fenech, kif ukoll lill-membri ta' l-NGOs li ippartecipaw bi shih. Huwa rringrazzja wkoll lill-Kunsilli Lokali ta' San Gwann u San Giljan.

2. Is- Sindku nforma li kellu laqgha mas- Sur M. Borda dwar kotba li huwa ppublika ricentament. Huwa nforma li xtara erbgha kotba ta' dan l-awtur ghall-prezz ta' €65.00 u se jaghtihom bhala donazzjoni lil-librerija tal-Kunsill. Is- Segretarju Ezekuttiv irringrazzja lis-Sindku ta' dan il-gest sabih.

3. Huwa ssugerixxa li issir laqgha ufficcjali mal-Kappillan il-gdid. Wara diskuzzjoni, gie deciz li din il-laqgha ssir nhar id-9 ta' Gunju 2016 fil-11am.

4. Is-Sindku nforma li kellu kuntatti ma' zewg persuni dwar attivita' li se titella b' risq il-Community Chest Fund. Wara diskuzzjoni gie deciz li sabiex din l-attivita' tkun aktar ta' success issir laqgha ma' Dr Chris Cachia li jirraprezenta l-Kunsill ta' l-isports fis-Swieqi. Is- Sindku ha l-inkarigu li jaghmel kuntatt mieghu.

5. B' referenza ghall-laqgha annwali li tigi organizzata mill-AKL, huwa nforma li ghal is-sena, din saret fis-6 u 7 ta' Mejju'16 u li huwa kien prezenti fiz-zewg konferenza f' Ghawdex.

6. Is-Sindku nforma li kellu laqgha ma' l-ufficjal tal-MEPA, Perit C. Borg flimkien mal-Kunsillier T. Valentino, Perit A. Valentino u l-Peit E. Rossignaud. Dwar din il-laqgha, giet diksussa l-possibilta' li jkun hemm persuna minn naha tal-MEPA li tkun inkarigata sabiex tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha relatati mas-Swieqi.

7. Is- Sindku ssugerixxa li ssir applikazzjoni sabiex dan il-Kunsill japplika ghal Community Work Scheme. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jaghmel kuntatt ma' l-entita' kkoncernata.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier ippropona sabiex dan il-Kunsill jaghmel talba ufficjali lid-Dipartiment ikkoncernat sabiex mill-aktar fis ma jibqax jaghmel parti mir-Regjun Tramuntana izda jibda' jaghmel parit mir-Regjun Centrali peress li l-problemi ta' din il-lokalita' huwa aktar simili ta' dawk il-lokalitajiet li jaghmlu parti minn dan ir-Regjun u ghalhekk jista' jkun hemm aktar koordinament shih bejn il-lokalitajiet involuti anke f' kaz li din il-lokalita' tinghaqad ma' kunsilli ohra qrib ghal-talbiet ta' progetti flimkien mill-EU. Wara diskuzzjoni, gie deciz li ghandha tinkiteb ittra ufficjali lil Ministru ikkoncernat dwar din it-talba. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta'. Il-Kunsillier M. Fava ippropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

2. Huwa ssugerixxa sabiex ssir laqgha ma' l-oghla ufficjali tal-membri tal-Korp tal-Pulizija li huma responsabli minn din iz-zona, iktar u iktar issa li qed joqrob sew l-istagun tas-sajf sabiex jkun iddentifikat ezatt, iz-zoni li generalment jkunu problematici f' dawn ix-xhur. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jorganizza din il-laqgha.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier irrefera dwar il-problema ta' strobju eccessiv minn xi residenzi fi Triq Zejni . Huwa nformwa li wissa s-sidien ta' dawn ir-residenzi dwar din l-inkonvenjenza li jekk dan l-istorbju jippersisti fil-futur, il-Kunsill ma jkunx fadalu ghazla ohra ghajr dik li jirraporta lill-Awtoritajiet ikkoncernati. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier fakkar lill-Kunsillieri prezenti sabiex mill-aktar fis jibghatu l-artikli taghhom ghall-edizzjoni li jmiss tal-magazine tal-Kunsill. Huwa informa li l-artiklu ghandhom jintbaghtu sa nhar it-23 ta' Mejju'16.

## V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEHOR

Giet pprezentata l-iskeda tal pagamenti nru.18 u wara li saru xi aggustamenti hekk kif mitlub fl-email tal-Kunsillier A. Curmi (mehmuz bhala App.b), hadd ma ogezzjona u ghaldaqstant dawn il-pagamenti kollha gew approvati. Il-Kunsillier A. Curmi ppropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

Il-Kunsillier P. Fenech u A. Curmi talbu sabiex jigu skuzati. Il-hin kien 8.10pm.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEZKUTTIV

1. Is- Segretraju Ezekuttiv ipprezenta kontijiet li gew pprezentati lilu mill-Kumitat Kongut. Dawnil-kontijiet huma relatati ma' spejjez li saru fil-Kumitat qabel ma dan gie xolt. L-istess Segretarju Ezekuttiv informa li ghandu dokumenti fil-pusses tieghu li jindikaw li dan il-Kunsil ghandu jiehu €112,747.87 minn citazzjonijiet li ghadhom ma gewx imhallsa minn terzi persuni.

2. Is- Segretarju Ezekutiv informa li l-kuntratt tat-telefon cellulari skada. Gie deciz b'mod unanimu minn dakw prezenti sabiex jerga' jsir kuntratt iehor.

Din il-laqgha spiccat fit-8.30pm u wara diskuzzjoni giet deciz b' mod unanimu li jsir aggornament ghal nhar il-25 ta' Mejju 2016 fil-5pm peress li xi Kunsillieri ma kellhomx hin biex jaghtu l-kontribuzzjonijiet taghhom u s-Seduta ta wara ssir nhar is-16 ta' Gunju 2016 fil-5pm. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**